MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 53/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Filletti**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Filletti (u ohrajn) talli f'dawn l-ahhar xhur naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-pulizija, ta' liema ordni hawn annessa kopja bhala formanti parti fuq din ic-citazzjoni, biex inehhi l-periklu u jsewwi l-hsara li hemm fil-post numru 82, Triq il-Kbira Naxxar, proprjeta` tieghu jew amministrata minnu, u b'hekk hu m'obdiex ordni legittima.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' kundanna, barra milli taghti l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati jnehhu l-inkonvenjent, jesegwixxu l-ligi u cioe` jaghmlu t-tiswijiet fi

zmien sufficjenti moghti lilhom taht penali ta' mhux inqas minn zewg liri (Lm2) ghal kull gurnata li l-kontravvenzjoni tkompli wara li jaghlaq iz-zmien hawn fuq imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta'l-1 ta' Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Patrick Filletti hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal twiddiba u ordnatlu li jnehhi l-periklu fil-post 82, Triq il-Kbira, Naxxar fi zmien gimaghtejn mid-data ta' dik is-sentenza taht penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Patrick Filletti pprezentat fis-7 ta' Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u tehilsu ghalhekk minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant jghid li r-reat addebitat lilu huwa li allegatament naqas milli jobdi ordni moghtija lilu mill-Pulizija ghat-tnehhija ta' periklu mill-fond 82 Triq il-Kbira, Naxxar. Jghid li ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha ggib prova li fil-fatt inghatatlu tali ordni. Huwa jsostni li qatt ma nghata kopja ta' din l-ordni.

Bhala prova li l-appellant inghata tali ordni bil-miktub, il-prosekuzzjoni esebiet permezz ta' P.S. 226 Paul Bonanno riferta (a fol. 21) li fuqha fil-kolonna ntestata "Data tal-kawza" hemm miktub "Damage at 82 Main Str Naxxar to be removed within 21 days" u fuq l-istess riferta hemm imnizzel "Tajta lillu stess fl-ghassa Msida 4-2-04 9.15 am" b'firma indecifrabbli izda bl-indikazzjoni "PC 1446". Ghalhekk *prima facie* jidher li l-appellant gie notifikat bl-ordni in kwistjoni. Izda fic-citazzjoni naqraw li l-appellant gie akkuzat li naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-Pulizija "ta' liema ordni hawn annessa kopja bhala formanti parti

fuq din ic-citazzjoni" meta mac-citazzjoni ma hemm l-ebda kopja annessa. Konsegwentement, u anke peress li din ma giet esebita mill-prosekuzzjoni fl-ebda stadju, hemm mankanti indikazzjoni u prova dwar in-natura ta' l-ordni li suppost giet notifikata lill-appellant, u ghalhekk dubbju dwar jekk inghatatx ordni kif previst mil-ligi.

Ghal kull bwon fini jigi osservat li quddiem din il-Qorti xehed John Calleja, wiehed mis-sidien, li qal li t-tiswijiet necessarji saru.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------